ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija u tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IL-LIVELLI 5 – 6 – 7 – 8**

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2016**

## IT-TIENI SENA L-ISTORJA L-ISKEMA TAL-MARKI

1. *It-tweġibiet tajbin huma dawn*:







**(Total: 5 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| 2. | *It-tweġibiet tajbin f'din l-ordni minn fuq għal isfel tal-kolonna:* Veru, Falz, Falz, Veru, Veru, Falz. | (6) |

**(Total: 6 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| 3.1 | dwar in-Normanni | (1) |
| 3.2 | In-Normanni oriġinaw mill-Vikingi. | (1) |
| 3.3 | Ħakmu dawn l-artijiet u waqqfu s-Saltna Normanna ta' Sqallija. | (1) |
| 3.4 | Sors A: suldati Normanni jiġġieldu fuq iż-żiemel | (1) |
| | Sors B: Kastell/Torri Normann | (1) |
| | Sors C: Suldat jew kavallier Normann | (1) |
| 3.5.1 | It-Tapizzerija ta' Bayeux | (1) |
| 3.5.2 | Biex ifakkar ir-rebħa tiegħu fuq l-Ingliżi. | (2) |
| 3.6.1 | *Aċċetta żewġ vantaġġi minn:* il-kastell jinsab mibni fuq għolja; għandu ħitan għoljin; għandu t-twieqi fil-għoli. | (2) |
| 3.6.2 | *Aċċetta eżempju minn dawn it-tweġibiet:* L-għadu seta' jassedja l-kastell sakemm in-nies ta' ġol-kastell jispiċċalhom l-ikel, iwaddbu ġebel bil-katapulti, iħaffru mina għal ġol-kastell, jisparaw il-vleġeġ, jużaw slielem u ħbula biex jitilgħu mal-ħitan. | (1) |

**(Total: 12-il marka)**

| | | |
|---|---|---|
| 4.1 | Tintemm il-ħakma Għarbija fuq il-Gżejjer Maltin. | (1) |
| 4.2 | Il-Misilmin tkeċċew mill-artijiet tas-Saltna ta' Sqallija. | (1) |
| 4.3 | Il-Maltin irvellaw kontra t-taxxi li kienu mġiegħla jħallsu. | (1) |
| 4.4 | Il-Maltin bdew jorganizzaw l-għassa tad-dejma. | (1) |
| 4.5 | Il-Kavallieri bdew ifittxu art oħra fejn joqogħdu. | (1) |
| 4.6 | Il-Kavallieri bdew jaħsbu biex jibnu belt ġdida. | (1) |

**(Total: 6 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| 5.1 | Iskandinavja jew mit-Tramuntana tal-Ewropa | (1) |
| 5.2 | *Longships* | (1) |
| 5.3 | il-knarr | (1) |
| 5.4 | *Aċċetta tweġiba minn dawn l-eżempji:* fil-monasteri kien hemm ħafna fided u dehbijiet; il-Vikingi kienu pagani; il-monaċi ma kinux jafu jiddefendu ruħhom kontra l-qilla tal-Vikingi. | (1) |
| 5.5 | kienu ġellieda ħorox | (1) |
| 5.6 | Atlantiku | (1) |
| | *Aċċetta bħala tweġibiet tajbin:* l-Iżlanda, Greenland, Newfoundland. | (1) |
| | | **(Total: 7 marki)** |
| 6.1 (a) | Sabiex ir-re jkollu l-flus meħtieġa biex imexxi s-saltna. | (2) |
| (b) | Biex jiddefendi l-artijiet kontra l-għadu jew xi rvell. | (2) |
| (c) | Biex jiddefendi s-saltna kontra l-għedewwa tar-re. | (2) |
| (d) | Biex jagħti l-kastigi lil min jikser il-liġi. | (2) |
| 6.2 | *Aċċetta sa erbgħa minn dawn il-kategoriji ta' nies:* kavallieri, suldati, qassisin, merkanti, ħaddiema bis-sengħa, bdiewa, servi. | (4) |
| 6.3 | L-istudenti għandhom ipenġu l-piramida u jaqsmuha f'erba' saffi. Agħti marka għal din il-parti tal-mistoqsija. F'kull saff għandhom jiktbu kategorija soċjali li jappartjenu fiha. Agħti żewġ marki għal tweġiba tajba f'din il-parti tal-mistoqsija. | (1,2) |
| | | **(Total: 15-il marka)** |
| 7.1.1 | Sors B | (1) |
| 7.1.2 | *Aċċetta tweġibiet bħal:* impitter bil-perspettiva, il-figuri huma iżjed realistiċi, tpitter fi Żmien ir-Rinaxximent, il-pittura ta' sors A saret fil-Medjuevu. | (1) |
| 7.2 (a) | Seklu 13 | (1) |
| (b) | Seklu 15 | (1) |
| 7.3 | il-Medjuevu | (1) |
| 7.4 | ir-Rinaxximent | (1) |
| 7.5 | *Aċċetta waħda minn dawn l-eżempji ta' tweġibiet:* it-tpinġija m'għandhiex perspettiva; il-figuri mhumiex impinġija b'mod realistiku; il-figuri kollha għandhom l-istess fattizzi. | (1) |
| 7.6 | *Aċċetta waħda minn dawn l-eżempji ta' tweġibiet:* il-figuri huma mpittra b'mod realistiku; il-kwadru fih il-perspettiva. | (1) |
| 7.7 | L-istudenti huma mistennija jagħtu tliet fatti dwar il-ħajja jew ix-xogħlijiet ta' Leonardo da Vinci. | (3) |
| 7.8 | L-istudenti huma mistennija jagħtu tliet fatti dwar il-ħajja jew ix-xogħlijiet ta' Michelangelo. | (3) |
| | | **(Total: 14-il marka)** |
| 8.1 | Dwar il-katidrali medjevali. | (1) |
| 8.2 | l-istil Romanesk u l-istil Gotiku | (2) |
| 8.3 | l-istil Romanesk | (1) |
| 8.4 | l-istil Gotiku | (1) |
| 8.5 | Ruma; ħdax | (2) |

8.6 Franza; tnax (2)

8.7.1 L-*istained glass* kien isir minn ħafna biċċiet ta' ħġieġ miżbugħ b'kuluri differenti. (2)

8.7.2 *Aċċetta bħala eżempji ta' tweġibiet tajbin:* Biex isebbħu l-katidrali bi lwien differenti meta minnhom jidħol id-dawl tax-xemx; biex isebbħu l-katidral; b'xeni ta' qaddisin jew ġrajjiet mill-Bibbja. (1)

**(Total: 12-il marka)**

9.1 (a) Sors A: il-kanun (1)

(b) Sors B: il-boxxla (1)

(c) Sors C: il-magna tal-istampar (1)

9.2 (a) *Aċċetta tnejn minn dawn l-eżempji ta' tweġibiet:* iżjed suldati mejta jew feruti fil-ġlied, inħolqu snajja' ġodda bħal dak ta' bumbardier; is-slaten saru iżjed b'saħħithom mis-sidien fewdatarji; naqset l-importanza tal-kastelli medjevali; inbidel il-mod ta' kif bdew jinbnew is-swar. (2)

(b) *Aċċetta tnejn minn dawn l-eżempji ta' tweġibiet:* naqset il-biża' li x-xwieni jitilfu r-rotta; setgħu jbaħħru f'ibħra miftuħa u fl-oċeani; tat bidu għall-vjaġġi ta' skoperti ta' artijiet u kontinenti ġodda; żdied il-kummerċ bil-baħar bejn l-Ewropa u l-Asja. (2)

(c) *Aċċetta tnejn minn dawn l-eżempji ta' tweġibiet:* ħafna kotba bdew ikunu stampati f'inqas żmien; il-prezz tal-kotba naqas; kiber l-interess għall-qari; inħolqu snajja' ġodda bħal editur, tajpista eċċ; bdew jitwaqqfu libreriji fl-universitajiet. (2)

**(Total: 9 marki)**

10. *Agħti marka għal kull fatt storiku korrett mogħti mill-istudenti. Tnaqqasx marki għall-iżbalji fl-ortografija.*

10.1 L-istudenti jistgħu jiktbu dwar il-perikli tal-vjaġġ; l-anzjetà sabiex isibu art minn fejn ikunu jistgħu jieħdu l-ilma u l-ikel u kif intlaqgħu mill-Indjani tal-Punent.

10.2 L-istudenti jistgħu jiktbu dwar il-Kruċjati bħala sensiela ta' gwerer bejn l-Insara u l-Misilmin, dwar kif issejħu l-ewwel darba mill-Papa Urbanu II u għaliex il-Kruċjati fl-Art Imqaddsa spiċċaw sal-1291.

**(Total: 14-il marka)**